22 ta' Marzu, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Joseph Sultana *versus* Carmela Sultana et.

**Separazzjoni Personali — Digriet tas-Sekond'Awla — Adulterju — Alimenti.**

*Ma hemm ebda ostakolu lill-parti li tkun già separata legalment mill-parti l-oħra fuq kawżali li trid il-liġi illi terġa' titlob is-separazzjoni personali mill-parti l-oħra fuq fatti posterjuri u għal kawżali oħra li tkun ukoll skond il-liġi.*

*Meta bejn il-miżżewġin tkun già teżisti separazzjoni personali, il-konjuġi li jkun irid jipproponi kawża oħra ta' separazzjoni personali ma għandux bżonn jottjeni l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla biex jagħmel dik il-kawża.*

*Ir-raġel li jkun già separat legalment mill-mara, u li jkun ġie kundannat jissomministralha l-alimenti, jista' jagħmel kawża oħra ta'*

*separazzjoni kontra l-mara fuq il-kawżali ta' adulterju, mianha kommess wara dik is-separazzjoni, biex itellifha d-dritt ta' l-alimenti lilha mogħti mill-ewwel sentenza tas-separazzjoni.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi, b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1952, ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u martu minħabba eċċessi, sevizji, minaċċi u inġurji gravi kommessi miż-żewġ partijiet, imma l-aktar mill-imsemmija Carmela Sultana; u illi f'dik is-sentenza ġie ordnat li l-kura tat-tfal kollha ta' l-imsemmija miżżewġin Sultana tiġi fdata lilu, minbarra dik tat-tifel Charles li kien allura ta' età tenera, li huwa jħallas lil martu pensjoni alimentarja ta' 4s. kuljum għaliha u għal binha Charles, illi l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-imsemmija miżżewġin Sultana tiġi mwaqqfa, u li ma kienx hemm lok għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 56, 58 u 65 tal-Kodiċi Ċivili; u illi fid-29 ta' Jannar 1953 twieldet lill-konvenuta Carmela Sultana tifla adulterina li ġiet imsemmija Alfrida, u li ġiet imniżżla fir-Reġistru Publiku bħala tifla tiegħu (dokument "A"), preżumibilment għaliex mid-data tas-sentenza tas-separazzjoni sa jum it-twelid, għaddew biss 246 ġurnata, u għalhekk mhux il-perijodu legali ta' 300 jum; u illi l-imsemmija Alfrida, indikata bħala Sultana, mhix frott tiegħu, peress li dan ilu separat minn martu għal ferm aktar minn 300 jum, imma, kif ingħad, it-tarbija hija tifla adulterina, u l-istess twelid tagħha ġie moħbi lilu, kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; u illi hemm lok li tiġi mill-ġdid pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u martu Carmela fuq il-kawżali ġdida ta' l-adulterju, bil-konsegwenzi indikati fl-art. 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa (1) tiġi mill-ġdid pronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom, oltre għall-kawżalijiet konstatati fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Mejju 1952, minħabba wkoll il-kawżali ġdida ta' adulterju ta' l-istess konvenuta, u per konsegwenza jiġu komminati kontra l-istess konvenuta d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili, speċjalment dawk li huwa jkun eżonerat milli jkompli jis-

somministra l-alimenti lil martu, u li l-istess konvenuta tiġi dikjarata li tilfet is-sehem tagħha ta' l-akkwisti li talvolta saru matul iż-żwieġ bil-ħidma tiegħu; (2) il-kura tat-tifel minuri Charles, bħal ma hi l-kura tat-tfal l-oħra kollha, tiġi fdata lilu; (3) huwa jkollu dritt jirrikuża li jirrikonoxxi bħala bin u l-imsemmija Alfrida, billi jiġi dikjarat li huwa mhux missierha, peress li l-istess tarbija twieldet minn relazzjonijiet illeċiti u adulterini li l-konvenuta Carmela Sultana kellha ma' terzi persuni, u t-twelid tagħha ġie moħbi lilu; (4) jiġi ordnat minn din il-Qorti li l-att tat-twelid riferibili għall-imsemmija tarbija, numru 2950 tas-sena 1953, inskritt fir-Reġistru Publiku fil-25 ta' April 1953, jiġi korrett fis-sens li jiġu mneħħija mill-kolonni rigwardanti t-tagħrif dwar il-missier u l-omm tat-tarbija, l-isem u l-kunjom tiegħu, il-professjoni u l-konnotati dwar fejn twieled u joqgħod missieru, b'mod li t-tarbija Alfrida tiġi dikjarata bħala bint missier mhux magħruf, jew bint persuna oħra (barra bintu) li tista' talvolta tirriżulta matul it-trattazzjoni tal-kawża bħala l-missier naturali tagħha, billi jiġi ordnat lill-konvenut Dottor John Scicluna li jagħmel dawn il-korrezzjonijiet. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew inġunti għas-subizzjoni;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attur u l-konvenuta jinsabu legalment separati b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Mejju 1952, u dan għall-kawżali ta' eċċessi, sevizji, minaċċi u inġurji gravi tat-tnejn, imma l-aktar tal-konvenuta. B'dik is-sentenza, il-kura tat-tfal kollha tal-konvenuta u ta' l-attur, minbarra dik tat-tifel Charles, li kien allura ta' età tenera, u li ġiet fdata lill-konvenuta, ġiet fdata lill-attur; l-attur ġie kundannat iħallas lill-konvenuta, għaliha u għall-imsemmi tifel Charles, il-pensjoni alimentarja ta' 4s. kuljum; il-komunjoni ta' l-akkwisti ġiet imwaqqfa, imma ġie dikjarat illi ma kienx lok għall-applikazzjoni ta' l-art. 56, 58 u 65, tal-Kodiċi Ċivili. F'din il-kawża l-attur jippretendi illi t-tifla li twieldet lill-konvenuta fid-29 ta' Jannar 1953, li ġiet imniżżla fir-Reġistru Publiku bl-isem ta' Alfrida u bħala bintu, mhijiex it-tifla tiegħu, imma hi tifla adulterina, imwielda minn relazzjonijiet illeċiti

bejn l-istess konvenuta u raġel mhux magħruf; u għalhekk *huwa ġieb 'il quddiem id-domandi miġjuba fiċ-ċitazzjoni;*

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn irid jiġi eżaminat jekk, kif ġie oppost mill-konvenuta fit-trattazzjoni orali, il-proċediment huwiex null minħabba illi l-attur naqas illi jitlob l-awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti biex jagħmel din il-kawża;

Illi, għar-raġunijiet premessi għas-sentenza mogħtija minnha fis-27 ta' Ġunju 1952, fil-kawża fl-ismijiet "Giuseppe Gauci vs. Francesca Gauci", din l-Qorti jidhrilha li, la-darba l-attur u *l-konvenuta, meta ġiet intentata din il-kawża*, kienu ġa separati legalment, ma kienx hemm bżonn illi l-attur jottjeni mill-Qorti kompetenti l-awtorizzazzjoni biex jagħmel din il-kawża. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuta f'dan ir-rigward għandha tiġi respinta;

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta b'mod soddisfaċenti illi t-tarbija li twieldet lill-konvenuta fid-29 ta' Jannar 1953, u li ġiet imsemmija Alfrida, mhijiex bint l-attur, imma illi hija tifla adulterina *tal-konvenuta, li twieldet minn re*lazzjonijiet illeċiti bejn il-konvenuta u bejn raġel li ma ġiex magħruf min hu, fi żmien iż-żwieġ tagħha ma' l-attur; u għalhekk hu ċar li l-konvenuta ikkommettiet adulterju. Hu magħruf illi ma hemm ebda ostakolu lill-parti li tkun ġa separata legalment mill-parti l-oħra fuq kawżali li trid il-liġi, illi terġa' titlob is-separazzjoni personali tagħha mill-parti l-oħra fuq fatti posterjuri u għal kawżali oħra li tkun ukoll skond il-liġi. Għalhekk l-attur seta' jagħmel, kif għamel, it-talba għas-separazzjoni personali tiegħu mill-konvenuta fuq il-kawżali ta' adulterju li, kif ingħad, ġiet pruvata; u b'dan il-mod din it-talba għandha tiġi milqugħa. Minħabba f'hekk, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-konvenuta għandha titlef id-drittijiet tagħha kollha msemmija fid-dispożizzjonijiet ta' l-art. 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili;

*Omissis;*

Illi ġie pruvat illi t-tifla fuq imsemmija ġiet imniżżla fir-Reġistru Publiku bħala bint l-attur, għar-raġuni biss li f'dak iż-żmien tat-twelid tagħha l-attur kien miżżewweġ mal-kon-

venuta u li mid-data tas-sentenza fil-kawża l-oħra li biha ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn l-attur u l-konvenuta sa dak it-twelid kienu għaddew biss 246 ġurnata, jiġifieri anqas mill-perijodu legali ta' 300 ġurnata. Imma ġie wkoll pruvat soddisfaċentement illi t-twelid ta' dik it-tifla adulterina ġie moħbi lill-attur mill-konvenuta u illi huwa intenta din l-azzjoni fi żmien tliet xhur mhux biss minn meta kixef bil-qerq tal-konvenuta, imma wkoll minn meta twieldet l-imsemmija tarbija;

Illi b'konsegwenza ta' dak li ntqal iżjed 'il fuq, hemm lok illi fl-att tat-twelid tat-tarbija fuq imsemmija kif imniżżel fir-Reġistru Publiku jsiru l-korrezzjonijiet li sejrin jissemmew;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, waqt li tirrespingi l-eċċezzjoni fuq imsemmija tan-nullità tal-proċediment sollevata mill-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha, tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni; u għall-finijiet tar-raba' talba, wara illi tiddikjara illi l-istess tarbija Alfrida mhijex bint l-attur, imma bint raġel ieħor li ma ġiex magħruf, tordna illi fl-att tar-Reġistru Publiku li kopja tiegħu tinsab eżibita fil-fol. 5 tal-proċess, isiru dawn ir-rettifikazzjonijiet, jiġifieri fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom" ......................; salv dejjem l-obbligu tar-Reġistratur għall-Kap tar-Reġistru Publiku fit-termini tad-dispożizzjoni ta' l-art. 293 tal-Kodiċi Ċivili;

L-ispejjeż tal-kawża, barra dawk ġa deċiżi, jitħallsu kollha mill-konvenuta, minbarra dawk relativi għar-raba' talba, u limitatament għar-rettifikazzjonijiet ġa msemmija, li għandu jħallashom l-attur; b'dan però illi l-ispejjeż tal-kuraturi għandhom jiġu provviżorjament imħallsa wkoll mill-attur.

---